



DEĊIŻJONI TAL-KULLEĠĠ TAL-UFFIĊĊJU TAL-PROSEKUTUR PUBBLIKU EWROPEW TAD-29 TA' SETTEMBRU 2020

LI TISTABILIXXI REGOLI DWAR IL-KONDIZZJONIJIET TAL-IMPJIEG
TAL-PROSEKUTURI DELEGATI EWROPEJ, KIF EMENDATA BID-
DEĊIŻJONIJIET 017/2021, 103/2021 U 007/2023 TAL-
KULLEĠĠ TAL-UPPE¹

Il-Kulleġġ tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE),

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("UPPE") (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "ir-Regolament dwar l-UPPE")², u b'mod partikolari l-Artikolu 114(c) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kap Prosekutur Ewropew,

Billi:

- (1) Il-Prosekuturi Delegati Ewropej jiffurmaw il-livell deċentralizzat tal-UPPE li jinsab fl-Istati Membri u għandhom, mill-mument tal-ħatra tagħhom bħala Prosekuturi Delegati Ewropej sat-tkeċċija, ikunu membri attivi tas-servizz tal-prosekuzzjoni pubblika jew tal-ġudikatura tal-Istati Membri rispettivi li nnominawhom.
- (2) Skont l-Artikolu 96(6) tar-Regolament dwar l-UPPE, il-Prosekuturi Delegati Ewropej għandhom jiġu ingaġġati bħala konsulenti speċjali f'konformità mal-Artikoli 5, 123 u 124 tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem "is-CEOS")³. Konsegwentement, skont l-Artikolu 124 tas-CEOS, l-Artikoli 1c, 1d, 11, 11a, 12 u 12a, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 16, l-Artikoli 17, 17a, 19, 22, 22a u 22b, l-Artikolu 23 u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 25 tar-Regolamenti tal-

1 It-test konsolidat tad-Deċiżjoni tal-Kulleġġ 001/2020 huwa mħejji għal finijiet ta' informazzjoni biss, biex jiffaċilita l-qari tar-regoli dwar il-Kondizzjonijiet tal-impjieg tal-Prosekuturi Delegati Ewropej. Il-premessi mid-Deċiżjonijiet tal-Kulleġġ nru 017/2021, 103/2021 u 007/2023 mhumiex riprodotti fit-test tal-verżjoni konsolidata.

2 ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1.

3 Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 31 (KEE), 11 (KEEA), li jistabbilixxi r-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Komunità Ekonomika Ewropea u tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU 45, 14.6.1962, p. 1385/62).

Persunal, dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-uffiċjali, u l-Artikoli 90 u 91 tar-Regolamenti tal-Persunal, dwar l-appelli, japplikaw b'analoġija għall-Prosekuturi Delegati Ewropej.

- (3) L-Artikolu 114(c) tar-Regolament dwar l-UPPE jipprevedi li l-Kulleġġ għandu jadotta regoli dwar il-kondizzjonijiet tal-impjeg, il-kriterji tal-prestazzjoni, l-insuffiċjenza professjonali, id-drittijiet u l-obbligi tal-Prosekuturi Delegati Ewropej, inklużi regoli dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interessi.

Adotta d-dispożizzjonijiet li ġejjin:

Kapitolu I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Kamp ta' Applikazzjoni

L-Artikolu 124 tas-CEOS jistabilixxi d-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal li japplikaw b'analoġija għall-Prosekuturi Delegati Ewropej. Sabiex jikkomplementaw ir-regoli previsti fis-CEOS, ir-regoli preżenti jistabilixxu kondizzjonijiet addizzjonali ta' impjeg, drittijiet u obbligi tal-Prosekuturi Delegati Ewropej tal-UPPE.

Artikolu 2

Tiġdid tal-kuntratti għall-perjodu tal-kariga

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 24, il-kuntratti ta' konsulenti speċjali previsti mill-Artikolu 123 tas-CEOS, li permezz tagħhom il-Prosekuturi Delegati Ewropej jiġu ingaġġati formalment, għandhom jiġġeddu awtomatikament kif meħtieġ biex ikunu jistgħu jlestu l-mandat tagħhom previst fl-Artikolu 17(1) tar-Regolament dwar l-UPPE.

Artikolu 3

Lingwi

Il-Prosekuturi Delegati Ewropej għandhom jiġu ingaġġati bil-kundizzjoni li jkollhom għarfien sodisfaċenti tal-lingwa ta' ħidma għall-attivitajiet operazzjonali u amministrattivi tal-UPPE, adottati skont l-Artikolu 107(2) tar-Regolament dwar l-UPPE.

Kapitolu II

DRITTIJET U OBBLIGI

Artikolu 4

Attivitajiet esterni

1. B'analoġija mal-Artikolu 12b tar-Regolamenti tal-Persunal, Prosekutur Delegat Ewropew li jixtieq jinvolvi ruħu f'attività esterna, kemm jekk bi ħlas kif ukoll jekk le, jew li jwettaq kwalunkwe inkarigu barra mill-ħidma tiegħu għall-UPPE, għandu l-ewwel jikseb il-permess tal-Kap Prosekutur Ewropew. Il-permess għandu jiġi rrifjutat jekk l-attività jew l-inkarigu inkwistjoni jkunu tali li jinterferixxu mal-prestazzjoni tad-dmirijiet tal-Prosekutur Delegat Ewropew jew ikunu inkompatibbli mal-interessi tal-UPPE.
2. B'analoġija mat-tieni paragrafu tal-Artikolu 16 tar-Regolamenti tal-Persunal, Prosekutur Delegat Ewropew li biħsiebu jinvolvi ruħu f'attività okkupazzjonali għajr il-funzjoni tiegħu bħala prosekutur nazzjonali jew fi ħdan il-ġudikatura nazzjonali fi żmien sentejn wara t-tmim tal-mandat tiegħu bħala Prosekutur Delegat Ewropew, għandu jinforma lill-Kap Prosekutur Ewropew b'dan. Jekk l-attività rispettiva tkun relatata ma' investigazzjonijiet imwettqa mill-Prosekutur Delegat Ewropew matul is-servizz tiegħu fi ħdan l-UPPE u tista' twassal għal kunflitt mal-interessi leġittimi tal-UPPE, il-Kulleġġ jista', wara li jikkunsidra l-interessi tas-servizz, jew jipprojbixxih milli jagħmel dan jew jagħti l-approvazzjoni tiegħu soġġett għal kwalunkwe kondizzjoni li jqis xierqa. Il-Kulleġġ għandu jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu fi żmien 30-il jum tax-xogħol minn meta jiġi infurmat b'dan. Jekk it-tali notifika ma tkunx saret sal-aħħar ta' dak il-perjodu, jitqies li dan ifisser aċċettazzjoni impliċita.

Artikolu 5⁴

Prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess

1. Mhux aktar tard minn xahrejn wara d-dħul fis-servizz, il-Prosekutur Delegat Ewropew għandu jippreżenta dikjarazzjoni tal-interessi, li għandha tinkludi:
 - a. l-attivitajiet professjonali preċedenti matul l-aħħar ħames snin;
 - b. kwalunkwe attività volontarja meta din tista' twassal għal kunflitt ta' interess.
 - c. l-attività professjonali tal-konjuġi, tas-sieħeb/sieħba ċivili jew tal-koabitazzjoni tiegħu/tagħha;
2. F'każ ta' modifika sostanzjali tal-interessi tiegħu, il-Prosekutur Delegat Ewropew għandu jippreżenta dikjarazzjoni komplementari fi żmien tliet xhur.

4 L-Artikolu 5 tħassar bl-effett tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 103/2021 tal-20 ta' Ottubru 2021 tal-Kulleġġ tal-UPPE dwar id-dikjarazzjoni tal-interessi tal-membri tal-Kulleġġ u tal-Prosekuturi Delegati Ewropej. Mid-dħul fis-seħħ ta' din l-aħħar deċiżjoni, fit-tletin jum wara l-adozzjoni tagħha, il-Prosekuturi Delegati Ewropej iridu jikkonformaw mal-obbligu li jiddikjaraw l-interessi tagħhom kif previst fid-Deċiżjoni 103/2021.

3. Id-dikjarazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jintbagħtu lill-Kap Prosekutur Ewropew u jiġu ssevjeti b'mod sigur. Il-Prosekutur Ewropew ta' superviżjoni għandu jkollu aċċess fi kwalunkwe ħin għad-dikjarazzjonijiet tal-Prosekuturi Delegati Ewropej rispettivi. Id-dikjarazzjonijiet jistgħu jiġu kkomunikati lill-Kulleġġ fuq talba tiegħu.
4. F'każ ta' kunflitt ta' interess potenzjali, il-Kulleġġ għandu jagħmel ħiltu biex japplika miżuri adegwati u proporzjonati.

Artikolu 6

Żvelar ta' informazzjoni fi proċedimenti legali

Bis-saħħa tal-Artikolu 124 tas-CEOS, l-Artikolu 19 tar-Regolamenti tal-Persunal japplika b'analoġija għall-Prosekuturi Delegati Ewropej. Madankollu, l-Artikolu 19 tar-Regolamenti tal-Persunal ma għandux jiġi interpretat bħala li japplika għall-iżvelar fi proċedimenti legali minn Prosekuturi Delegati Ewropej fil-qadi ta' dmirijiethom.

Artikolu 7

Dritt għal assistenza

1. B'analoġija għall-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal, l-UPPE għandu jassisti Prosekutur Delegat Ewropew, b'mod partikolari fi proċedimenti kontra kwalunkwe persuna li twettaq theddid, atti jew kliem ta' insult jew malafama, jew kwalunkwe attakk fuq persuna jew proprjetà li hija jew membru tal-familja tagħha jkunu soġġetti għaliha minħabba l-kariga jew id-dmirijiet tiegħu.
2. L-UPPE għandu jikkumpensa b'mod konġunt u separatament lill-Prosekutur Delegat Ewropew għad-dannu mġarrab f'każijiet bħal dawn, sa fejn il-Prosekutur Delegat Ewropew ma kkawżax ħsara intenzjonalment jew minħabba negliġenza serja u ma setax jikseb kumpens mill-persuna li kkawżatlu dan.

Kapitolu III

KONDIZZJONIJIET TAX-XOGĦOL U SIGURTÀ SOĊJALI

Artikolu 8

Reġim tal-ħin tax-xogħol

1. B'analoġija mal-Artikolu 55(1) tar-Regolamenti tal-Persunal, il-Prosekuturi Delegati Ewropej għandhom ikunu dejjem għad-dispożizzjoni tal-UPPE.
2. Is-sigħat tal-jum tax-xogħol għandhom jiġu ddeterminati abbażi tar-reġim applikabbli għall-prosekuturi nazzjonali fl-Istat Membru parteċipanti tal-Prosekutur Delegat Ewropew rispettiv.

3. Għas-sahra maħduma u għad-disponibbiltà barra mis-sigħat tax-xogħol regolari, kif meħtieġ mill-esiġenzi tas-servizz, il-Prosekuturi Delegati Ewropej għandhom ikunu intitolati għal allowance għas-servizz bir-rata fissa ta' EUR 400 fix-xahar.

Artikolu 9

Liv u festi pubbliċi

1. Id-drittijiet tal-Prosekuturi Delegati Ewropej relatati mal-liv annwali huma dawk irregolati mir-regoli u r-regolamenti nazzjonali rispettivi applikabbli għall-prosekuturi li jaħdmu fis-servizzi nazzjonali li jibqgħu membri tagħhom.
2. Il-Prosekuturi Delegati Ewropej għandhom jibbenefikaw mir-regoli nazzjonali dwar il-btajjel pubbliċi applikabbli għall-prosekuturi li jaħdmu fis-servizzi nazzjonali li jibqgħu membri tagħhom.
3. Meta jitqiesu r-rekwiżiti relatati mal-kontinwità tas-servizz, it-talbiet għal-liv għandhom jiġu approvati mill-Kap Prosekutur Ewropew, li jista' jiddelega dan il-kompitu lill-Prosekutur Ewropew ta' superviżjoni.

Artikolu 10

Liv minħabba mard

1. Id-drittijiet tal-Prosekuturi Delegati Ewropej relatati mal-liv tal-mard huma dawk stabbiliti mir-regoli nazzjonali.
2. Meta l-Prosekutur Delegat Ewropew ikun bil-liv minħabba mard, l-UPPE għandu jħallas l-intitolamenti msemmija fl-Artikolu 14(1) bl-istess kundizzjonijiet bħal dawk previsti mir-regoli nazzjonali, sakemm tali intitolamenti ma jkunux koperti mill-iskema nazzjonali ta' assigurazzjoni tal-mard.

Artikolu 11

Liv tal-maternità, tal-paternità u tal-ġenituri

1. Il-Prosekuturi Delegati Ewropej għandhom jibbenefikaw mir-regoli nazzjonali dwar il-liv tal-maternità, tal-paternità u tal-ġenituri.
2. Meta l-Prosekutur Delegat Ewropew ikun bil-liv tal-maternità, tal-paternità jew tal-ġenituri, l-UPPE għandu jħallas l-intitolamenti msemmija fl-Artikolu 14(1) bl-istess kundizzjonijiet bħal dawk previsti mir-regoli nazzjonali, sakemm tali intitolamenti ma jkunux koperti mill-iskema nazzjonali tas-sigurtà soċjali.

Kapitolu IV

KARRIERA U PRESTAZZJONI

Artikolu 12

Progress fil-karriera u dħul fil-livell

1. Il-karriera ta' Prosekutur Delegat Ewropew għandha tipprogressa fuq skala li tinkludi tmien (8) livelli.
2. Kull tliet snin, Prosekutur Delegat Ewropew għandu javvanza għal-livell li jmiss, sakemm il-Kulleġġ ma jkunx sab il-prestazzjoni tiegħu bħala mhux sodisfaċenti matul mill-inqas tnejn mit-tliet eżerċizzji ta' evalwazzjoni preċedenti.
3. Prosekutur Delegat Ewropew għandu normalment jiġi reklutat fil-livell 1. F'każ li Prosekutur Delegat Ewropew ikollu esperjenza ta' xogħol preċedenti rilevanti, huwa jibbenefika minn livell addizzjonali għal kull perijodu ta' ħames snin sħaħ ta' esperjenza ta' xogħol rilevanti. Tali klassifikazzjoni mad-dħul fis-servizz ma għandhiex taqbeż il-livell 3.

Artikolu 13

Evalwazzjoni

1. Il-prestazzjoni professjonali ta' kull Prosekutur Delegat Ewropew għandha tkun is-suġġett ta' rapport ta' evalwazzjoni kull sentejn u, rispettivament, fi tmiem il-kuntratt tiegħu. Dan ir-rapport għandu jindika jekk il-prestazzjoni hijiex sodisfaċenti jew le. Ir-rapport jista' jintbagħat lill-awtoritajiet nazzjonali għall-valutazzjoni interna tagħhom fir-rigward ta' evalwazzjonijiet nazzjonali, fuq talba tagħhom.
2. Ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi adottat minn kumitat ta' evalwazzjoni maħtur mill-Kulleġġ fuq proposta tal-Kap Prosekutur Ewropew.
3. Il-proċedura għall-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi stabbilita permezz ta' Deċiżjoni separata tal-Kulleġġ.

Kapitolu V

RIMUNERAZZJONI

Artikolu 14⁵

Rimunerazzjoni

1. Għall-attività tagħhom, il-Prosekuturi Delegati Ewropej huma intitolati għal dan li ġej:
 - a) rimunerazzjoni bażika fix-xahar li, għal-livell 1 tal-iskala kif imsemmija fl-Artikolu 12 ta' din id-Deċiżjoni, tikkorrispondi għas-salarju bażiku fix-xahar ta' Uffiċjal fil-grupp ta' funzjonijiet AD, grad 9, skala 1, kif previst fit-tabella fl-Artikolu 66 tar-Regolamenti tal-Persunal. Ir-rimunerazzjoni bażika ta' kull xahar għandha tiżdied b'6 % għal kull livell li jmiss ta' dik l-iskala.
 - b) l-allowance għas-servizz imsemmija fl-Artikolu 8(3);
 - c) fejn applikabbli, l-ammont supplimentari msemmi fl-Artikolu 16(1), li jiġi ddeterminat għall-ewwel darba fil-mument tal-ingaġġ, u jista' jkun soġġett għal reviżjoni wara kwalunkwe bidla sussegwenti fir-rimunerazzjoni ta' referenza nazzjonali kkunsidrata għall-fini tal-Artikolu 16(1) jew fir-rimunerazzjoni tal-UPPE kif definita fl-Artikolu 16(2) ta' din id-Deċiżjoni.
2. L-intitolamenti msemmija fil-paragrafu (1) huma suġġetta għal Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 260/68 tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 1968, li jstabbilixxi l-kondizzjonijiet u l-proċedura għall-applikazzjoni tat-taxxa għall-benefiċċju tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 56, p. 8), kif sussegwentement emendat.

Artikolu 15

Koeffiċjent tal-korrezzjoni u aġġornament annwali

L-Artikoli 64 u 65 tar-Regolamenti tal-Persunal għandhom japplikaw b'analoġija.

Artikolu 16

Ammont supplimentari

1. F'każ li r-rimunerazzjoni netta totali ta' Prosekutur Delegat Ewropew tkun inqas minn dik li tkun kieku dak il-prosekutur kien jibqa' biss prosekutur nazzjonali, huwa jista' jitlob, billi jippreżenta dokumenti ta' sostenn xierqa, lid-Direttur Amministrattiv biex jirċievi ammont supplimentari addizzjonali li jiżgura li r-rimunerazzjoni netta totali tkun ugwali għar-rimunerazzjoni nazzjonali netta.
2. Għall-fini tal-paragrafu (1), ir-rimunerazzjoni totali mħallsa mill-UPPE għandha tikkonsisti fl-ammonti msemmija fl-Artikolu 14(1) a) u b).

5 Verżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 007/2023 tal-Kulleġġ tal-UPPE, li daħlet fis-seħħ fit-23 ta' Frar 2023.

3. F'konformità mal-Artikolu 96(6) tar-Regolament dwar l-UPPE, iż-żieda ma għandha tkopri l-ebda kontribuzzjoni għall-iskema nazzjonali ta' kopertura tas-sigurtà soċjali, tal-pensjoni u tal-assigurazzjoni.

Artikolu 17

Irkuprar ta' pagamenti żejda

1. Kwalunkwe somma mħallsa żejda għandha tiġi rkuprata jekk ir-riċevitur kien konxju li ma kien hemm l-ebda raġuni dovuta għall-ħlas jew jekk tant kien ovvju li l-ħlas kien żejded li huwa ma setax ma jindunax b'dan.
2. It-talba għall-irkuprar trid issir mhux aktar tard minn ħames snin mid-data meta tkun tħallset is-somma. Meta r-riċevitur inganna b'mod deliberat lill-amministrazzjoni bil-ħsieb li jikseb is-somma konċernata, it-talba għall-irkupru ma għandiex tiġi invalidata anki jekk dan il-perijodu jkun għadda.

Kapitolu IV

MIŻURI DIXXIPLINARI

Artikolu 18

Azzjoni u proċedimenti dixxiplinari

1. Kwalunkwe nuqqas minn Prosekutur Delegat Ewropew milli jikkonforma mal-obbligi professjonali tiegħu, kif previst mir-Regolament dwar l-UPPE, l-Artikolu 124 tas-CEOS u r-regoli preżenti, kemm jekk intenzjonalment kif ukoll jekk minħabba negliġenza min-naħa tiegħu, għandu jwassal biex ikun soġġett għal azzjoni dixxiplinarja.
2. Meta Prosekutur Delegat Ewropew isir jaf b'evidenza ta' nuqqas skont it-tifsira tal-paragrafu 1, huwa jista' jniedi investigazzjonijiet amministrattivi biex jivverifika jekk seħħx dan in-nuqqas.
3. L-imġiba ħażina li tista' twassal għal azzjoni dixxiplinari u l-proċedura dixxiplinarja kontra l-Prosekuturi Delegati Ewropej għandha tiġi determinata f'deċiżjoni separata (minn hawn 'il quddiem "id-deċiżjoni dwar il-proċedura dixxiplinari") li tiġi adottata mill-Kulleġġ fuq proposta tal-Kap Prosekutur Ewropew.
4. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-indipendenza tal-Prosekuturi Delegati Ewropej kif previst fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament dwar l-UPPE.

Artikolu 19

Kompożizzjoni tal-Bord ta' Dixxiplina

B'deroga mill-Artikolu 5(2) tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal, il-proċedura applikabbli għall-Bord Dixxiplinari u l-kompożizzjoni tiegħu għandha tiġi ddeterminata fid-deċiżjoni dwar il-proċedura dixxiplinari.

Artikolu 20

Sospensjoni

1. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 23 u 24 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal japplikaw b'analoġija għad-deċiżjoni ta' sospensjoni ta' Prosekutur Delegat Ewropew.
2. Id-Deċiżjoni li jiġi sospiż Prosekutur Delegat Ewropew għandha tittieħed mill-Kulleġġ fuq proposta mill-Bord Dixxiplinari meta jkun hemm raġunijiet serji biex wieħed jemmen li l-ksur dixxiplinari jista' jwassal għal miżura dixxiplinarja ta' tkeċċija.

Artikolu 21

Miżuri dixxiplinarji

1. Il-miżuri dixxiplinarji applikabbli għall-Prosekuturi Delegati Ewropej għandhom jiġu ddeterminati fid-deċiżjoni dwar il-proċedura dixxiplinarja.
2. B'deroga mill-Artikolu 11 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal, kwalunkwe miżura dixxiplinarja kontra Prosekutur Delegat Ewropew għandha tittieħed mill-Kulleġġ biss fuq proposta mill-Bord Dixxiplinari u f'konformità mad-deċiżjoni dwar il-proċedura dixxiplinarja.

Kapitolu VII

REGOLI SPEĊJALI

Artikolu 22

Prosekuturi Delegati Ewropej li jeżerċitaw funzjonijiet bħala prosekuturi nazzjonali

1. Prosekutur Delegat Ewropew jista' jkompli jeżerċita funzjonijiet bħala prosekutur nazzjonali f'konformità mal-Artikolu 13(3) tar-Regolament dwar l-UPPE biss jekk dan ikun permess skont il-ftehim milġuq, skont l-Artikolu 13(2) tar-Regolament dwar l-UPPE, bejn il-Kap Prosekutur Ewropew u l-awtorità rilevanti tal-Istat Membru tal-Prosekutur Delegat Ewropew rispettiv.
2. Meta Prosekutur Delegat Ewropew ta' Stat Membru jeżerċita wkoll funzjonijiet bħala prosekutur nazzjonali f'konformità mal-Artikolu 13(3) tar-Regolament dwar l-UPPE, l-UPPE għandu jħallas ir-rimunerazzjoni skont l-Artikolu 14 ta' dawn ir-regoli u l-Istat Membru għandu jirrimborża lill-UPPE għall-ħidma attwali mwettqa bħala prosekutur nazzjonali.

Artikolu 23

Kundizzjonijiet speċjali

1. F'konformità mal-Artikolu 13(3) tar-Regolament dwar l-UPPE, Prosekutur Delegat Ewropew li jkompli jeżerċita funzjonijiet bħala prosekutur nazzjonali għandu jinforma lill-Prosekutur Ewropew ta' superviżjoni tiegħu bi kwalunkwe sitwazzjoni li timpedih milli jissodisfa l-obbligi tiegħu fil-kapaċità ta' Prosekutur Delegat Ewropew, inkluż kwalunkwe kunflitt ta' interess li jista' jinqala'.
2. L-Artikolu 8(1) ta' dawn ir-regoli għandu japplika bis-sħiħ għal Prosekuturi Delegati Ewropej li jkomplu jeżerċitaw funzjonijiet bħala prosekuturi nazzjonali.
3. Il-kriterji biex tiġi ddeterminata f'kull każ individwali l-valutazzjoni tal-ħidma reali mwettqa kull xahar mill-Prosekutur Delegat Ewropew f'isem l-UPPE u f'isem l-awtoritajiet nazzjonali, kif ukoll il-modalitajiet preċiżi ta' rimborż mill-Istat Membru tal-UPPE, għandhom jiġu determinati minn arranġament ta' ħidma bejn l-UPPE u l-awtorità rilevanti tal-Istat Membru rispettiv.

Artikolu 23a⁶

Eċċezzjoni

1. B'mod eċċezzjonali, Prosekutur Delegat Ewropew jista' jiġi awtorizzat jeżerċita esklużivament funzjonijiet bħala prosekutur nazzjonali, għal perjodu [ta' mill-inqas xahar u mhux itwal minn sentejn,] li għandu jiġi determinat fil-ftehim imsemmi fl-Artikolu 22(1).
2. Il-kuntratt tal-Prosekutur Delegat Ewropew li jeżerċita esklużivament funzjonijiet bħala prosekutur nazzjonali għandu jinkludi referenza għal dan l-arranġament u jispeċifika t-tul ta' żmien mistenni/massimu tiegħu.
3. Fejn Prosekutur Delegat Ewropew jeżerċita funzjonijiet esklużivi bħala prosekutur nazzjonali, huwa għandu jkompli jitħallas mill-awtorità nazzjonali kompetenti fil-kapaċità tiegħu bħala prosekutur nazzjonali u skont ir-regoli nazzjonali applikabbli.
4. Matul il-perjodu, Prosekutur Delegat Ewropew jeżerċita esklużivament funzjonijiet bħala prosekutur nazzjonali, f'konformità mal-paragrafu 1, id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 7, 8, 9(3), 10(2), 11(2), 12–17, 22, 23(2)–(3) ma għandhomx japplikaw.
5. Fi kwalunkwe ħin, jekk il-ftehim imsemmi fl-Artikolu 22(1) jiġi modifikat fir-rigward tal-Prosekuturi Delegati Ewropej impenjati f'konformità mal-paragrafu 1, dawk il-Prosekuturi Delegati Ewropej għandhom jiġu involuti f'konformità mar-regoli ġenerali minn din id-Deċiżjoni jew skont l-Artikoli 22–23, rispettivament. It-terminu stabbilit fl-Artikolu 13(1) għandu jiġi kkalkolat mill-jum li fih il-kuntratt tal-Prosekutur Delegat Ewropew jiġi emendat b'mod korrispondenti.

⁶ Dan l-Artikolu ġie miżjud bl-Artikolu 1.I tad-Deċiżjoni 017/2021 tal-Kulleġġ tal-UPPE, li daħlet fis-seħħ fl-24 ta' Marzu 2021.

Kapitolu VIII

TERMINAZZJONI TAL-KUNTRATT

L-Artikolu 24

Terminazzjoni tal-kuntratt

1. Meta l-Prosekutur Delegat Ewropew jipprevedi terminazzjoni bikrija, il-perjodu ta' avviż għandu jkun ta' tliet xhur. Il-Kulleġġ jista' jqassar il-perjodu ta' avviż. L-UPPE għandu jinforma minnufih lill-Istat Membru kkonċernat biex jiżgura s-sostituzzjoni f'waqtha tal-Prosekutur Delegat Ewropew f'konformità mal-Artikolu 17(5) tar-Regolament dwar l-UPPE.
2. Il-kuntratt jista' jiġi tterminat mill-UPPE mingħajr avviż jekk il-Prosekutur Delegat Ewropew ma jkunx jista' jerġa' jkompli dmirijietu wara li jiskadi perjodu ta' sitt xhur wara li jkun tqiegħed fuq liv minħabba mard skont l-Artikolu 10. It-terminazzjoni għandha tiġi kkomunikata minnufih lill-Prosekutur Delegat Ewropew kif ukoll lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru rilevanti.
3. Wara li tkun ġiet segwita l-proċedura dixxiplinari, il-kuntratt jista' jiġi tterminat mingħajr avviż.
4. Il-kuntratt għandu jintemm mill-UPPE mingħajr avviż jekk il-Kulleġġ, fuq proposta motivata magħmula mill-Kap Prosekutur Ewropew, isib li l-Prosekutur Delegat Ewropew ma jibqax jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 17(2) tar-Regolament dwar l-UPPE jew ma jkunx jista' jwettaq dmirijietu għal raġunijiet għajr dawk koperti mill-paragrafu 3.

KAPITOLU IX⁷

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 25

Id-dħul fis-seħħ

Dawn ir-regoli għandhom jidħlu fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħhom mill-Kulleġġ tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE).

7 Din id-denominazzjoni ddaħħlet bl-Artikolu 1.11 tad-Deċiżjoni 017/2021 tal-Kulleġġ tal-UPPE, li daħlet fis-seħħ fl-24 ta' Marzu 2021.

Magħmula fil-Lussemburgu fid-29 ta' Settembru 2020.

F'isem il-Kulleġġ,

Laura Codruța KÖVESI
Kap Prosekutur Ewropew